TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 388/11 (JE).

Maria Assunta Mejlaq

vs

Photo Play Malta Ltd.

Illum, 27 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Maria Assunta Mejlaq tas-6 ta' Settembru 2011 fejn stqarret illi kienet qabdet lis-soċjetà ntimata biex jieħu r-ritratti u l-video tat-tieġ tagħha li kien ħa jsir fil-11 ta' Ġunju 2011 u kienet tagħtu € 350 depożitu. Xi xahrejn qabel it-tieġ, saret *prewedding session* fejn ir-ritratti ma ttieħdux fejn xtaqet l-attriċi imma fejn ried is-sur Baldacchino tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti ħallset dakinhar € 500 oħra lis-sur Baldacchino. Wara xi ħmistax, ir-rikorrenti talbet kopja diġitali tar-ritratti biex jagħżlu r-ritratt għas-sala tat-tieġ imma rriżulta illi l-ebda ritratt ma kien kapaċi. Meta kkuntattjaw lis-sur Baldacchino, hu qallhom illi jekk ma kienux kuntenti b'xogħlu, hu kien lest li ma jaħdmielhomx aktar u jirrifondi l-aħħar ċekk ta' € 500. Ir-rikorrenti aċċettat dina s-soluzzjoni imma sal-lum ir-rifużjoni mwiegħda ma seħħietx.

Ra illi s-soċjetà ntimata minkejja illi kienet debitament notifikata, ma daħlietx risposta u kienet kontumaċi.

Sema' l-provi tar-rikorrenti.

Ikkunsidra.

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, u fuq l-iskorta tal-provi prodotti mir-rikorrenti, jidher illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati. Dana aktar u aktar meta s-soċjetà intimata offriet illi tirrifondi s-somma msemmija ta' € 500 imma tali rifużjoni ma seħħietx.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna r-rifużjoni tas-somma ta' ħames mitt euro (€ 500) imħallsa mir-rikorrenti għall-servizzi ta'fotografija lis-soċjetà intimata bl-imgħax legali mill-1 ta' Mejju 2011 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.